TRIBUNAL GĦAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 119/13/GB

**Paul Portelli**

**vs**

**Philip Pullicino – TPG Garage**

Illum 2 ta' Ottubru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-10 ta' Gunju, 2013 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mitejn Ewro (€200.00), rapprezentanti l-prezz li hallas ghal generator li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema generator kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta tardiva bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien mar ghand is-socjeta' ntimata fejn kien ghogbu generator gdid, pero' kien hemm ukoll generator second hand. Ir-rikorrent kien staqsa lis-socjeta' ntimata sabiex tistarjtjah, fejn gie nformat li dakinhar ma setghatx taghmel hekk ghaliex kellha impenji ohrajn. Ir-rikorrent kien mar xi erbgha darbiet ohra ghall-istess skop. Ir-rikorrent kien sussegwentement xtara l-imsemmi generator ghall-prezz ta' mitejn Ewro (€200.00). Ir-rikorrent kien sab li l-generator kellu xi hsara u ghalhekk kien hadu ghand terza persuna fejn gie nformat li ma kienx hemm parts ghalih. Meta r-rikorrent ilmenta mas-socjeta' ntimata, hija kienet qablet li ttieh il-flus lura pero' mbaghad bidlet fehmitha.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Madwar erbgha xhur ilu, ir-rikorrent ried jixtri generator minghandha, fejn hija kienet ipprovat tistartja l-imsemmi generator qabel ma r-rikorrent jixtrieh, pero' sfortunatament il-generator ma hadimx. Ir-rikorrent riedu xorta wahda u ftiehem fuq il-prezz ta' mitejn Ewro (€200.00) mas-socjeta' ntimata, tant illi s-socjeta' ntimata kienet qaltlu "hudu €200 u hudu kif inhu".

Ir-rikorrent kien accetta dan il-ftehim, tant illi hallas u ha l-generator mieghu. Ftit ijiem wara, ir-rikorrent kien talab lis-socjeta' ntimata sabiex terga' taghtih lura l-flus ghaliex il-generator ma kienx tajjeb, fejn Mr Pullicino kien qallu li ried jara l-affarijiet u jitkellem ma' ohtu minhabba li l-business ma hux tieghu biss pero' ta' ohtu wkoll.

Ir-rikorrent kien mar ghand is-socjeta' ntimata u ghamel xenata shiha gewwa l-hanut, meta s-socjeta' ntimata kienet informatu illi ma kenitx ser ittieh il-flus lura stante illi l-ftehim kien li jiehu l-generator kif inhu.

Is-socjeta' ntimata ma tistax taghti lura l-flus lir-rikorrent ghaliex hija kienet bieghat dan il-generator 'tale quale' u bla garanzija, fejn ir-rikorrent kellu jibqa' sejjer ghand il-mekkanik bih.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, fejn fuq domanda tat-Tribunal huwa ammetta illi kien jaf li l-generator ma kienx jahdem meta xtrah.

Xehed Elton Cauchi, prodott mir-rikorrent, fejn fix-xhieda guramentata tieghu huwa stqarr illi kien jaf li r-rikorrent kien mar jixtri generator minghand is-socjeta' ntimata pero' ma kienx mieghu meta s-socjeta' ntimata kienet wegheditu li kienet ser ittieh il-flus lura. Huwa kien mar-rikorrent biss meta gie nformat illi ma kenitx ser ittieh il-flus lura.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tghid illi l-generator kien jiswa sebgha mitt Ewro (€700.00), pero' purament ghaliex ma kienx qed jahdem sew, ir-rikorrent kien xtrah ghall-prezz ta' mitejn Ewro (€200.00), fejn ir-rikorrent kien avzat illi l-imsemmi generator ma kienx jahdem.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ha konjizzjoni tal-fatt illi r-rikorrent fuq domanda tat-Tribunal stess ammetta illi kien jaf li l-generator in kwistjoni ma kienx qed jahdem meta xtrah, qed isib it-talba tar-rikorrent manifestament frivola u ghalhekk qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**